**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 t' Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Antoine Monsigneur**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri tad-29 ta' Marzu 2023 li bih ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28(G) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn esponiet:

    1. Illi bis-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta, fl-ismijiet odjerni deciza fis-26 ta' Jannar 2023, kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Antoine Monsigneur maghruf bhala David detentur tal-karta tal-identita bin-numru 49071(M) residenti gewwa 39 Flat 4 Okella Agius, Triq Hal-Qormi il-Hamrun u bin-numru tal-mobile 79530957

    2. Illi Antoine Monsigneur naqas milli jikkopera mal-Ufficjal tal-Probation u joqghod ghad-direttivi moghtija lilu, tant li supervizjoni adekwata mhix possibli.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Din id-denunzja saret biss wara xaharejn li din il-Qorti bis-sentenza taghha tas-26 ta' Jannar 2023 tat lid-denunzjat sentenza ta' prigunerija sospiza u poggietu taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin. Fix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet li d-denunzjat ma kienx qed jattendi ghall-appuntamenti b'mod regoli u kien qed jabbuza mid-droga u alcohol. L-Ufficjal tal-Probation kienet ipprezentat ukoll zewg noti dwar l-andament tad-denunzjat matul dawn ix-xaharejn.

5. Id-denunzjat offra d-deposizzjoni tieghu fejn cahad dawn l-allegazzjonijiet u qal li hu dejjem attenda ghall-appuntamenti, u l-unika appuntament li m'attendhix meta kellu appuntament l-isptar u hu kien avza b'dan lill-Ufficjal tal-Probation. Huwa cahad li kien qed jabbuza mid-droga, kif ukoll qal li hassu urtat ghax l-ufficjali tas-sigurta fl-ufficini tad-dipartiment tal-Probation kienu qieghdin jiddikriminaw kontrieh billi jaghmlu *frisking* lilu biss, u ghalhekk ma kienux qed jafdawh.

6. Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation u n-noti taghha tat-3 ta' Marzu 2023 u tad-29 ta' Marzu 2023, li ghalihom ghamlet riferenza waqt ix-xhieda taghha, jirrizulta illi bejn Frar u Marzu 2023, d-denunzjat inghata ghaxar appuntamenti, li minnhom attenda biss tlieta, u t-tielet appuntament ma kienx ta' utilita ghax id-denunzjat qajjem kommossjoni ghax ma riedx li jintuza apparat fuqu li jidentifika l-metall, u ma riedx jidhol ghall-appuntament. Minn dawn l-ghaxra, appuntament wiehed biss gie mhassar ghax id-denunzjat qal li kellu appuntament l-isptar, izda meta l-Ufficjal tal-Probation cemplitlu fil-hin tal-appuntament tieghu fis-siegha ta' wara nofs-in-nhar, id-denunzjat kien jinsab

go daru – fatt li, kif qalet l-Ufficjal tal-Probation, jindika li d-denunzjat deliberatament ghazel li ma jattendix ghall-istess appuntament. Dan l-agir tad-denunzjat certament mhux wiehed li juri impenn serju li jsegwi l-ordni ta' supervizjoni sabiex jindirizza l-problemi li ghandu.

7. Fl-appuntament tat-28 ta' Frar 2023, id-denunzjat irrifjuta li jaghti kampjun tal-urina ghax qal li *"kien imcappas minn kollox,"* u talab zmien ta' gimgha qabel jaghti kampjun tal-urina, sabiex ikun hieles mis-sustanzi. L-Ufficjal tal-Probation tghid ukoll li fl-appuntament tat-13 ta' Marzu 2023, huwa wkoll rega' ammetta li kien pozittiv ghad-droga, u talab cans iehor. L-Ufficjal tal-Probation tghid ukoll li d-denunzjat kemm-il darba qalilha li kien qed ikun fis-sakra meta iccempillu. Fix-xhieda tieghu, id-denunzjat qal li hu ma kienx qed jabbuza mid-droga, u qal li l-Ufficjal tal-Probation qatt ma talbitu ihalli kampjun tal-urina. Il-Qorti m'ghandhix ezitazzjoni tghid li d-denunzjat m'hux kredibbli f'dak li qed jghid, u hija kredibbli l-Ufficjal tal-Probation meta qalet li d-darbtejn li talbitu kampjuni tal-urina, huwa irrifjuta ghax ammetta li abbuza minn sustanzi illeciti. Hija l-prassi ben stabbilita tal-Ufficjali tal-Probation li meta jkollhom appuntament ma' persuna, specjalment wahda li jkollha storja ta' abbuz ta' sustanzi illeciti, jitolbu kampjun tal-urina, biex isiru t-testijiet ghal sustanzi illeciti. Din il-Qorti ma tarax li hu kredibbli li f'dan il-kaz l-Ufficjal tal-Probation ma segwietx din il-prattika ferm ghaqlija.

8. Id-difiza issottomettiet li l-aqwa prova ma ngabitx, ghaliex it-testijiet fuq l-urina ma sarux. Ovvjament jekk d-denunzjat irrifjuta li jaghti l-kampjuni tal-urina, t-testijiet ghal sustanzi illeciti ma setghux isiru – u d-denunzjat ma jistghax jiehu vantagg mir-rifjut tieghu biex jaghti kampjun, sabiex jghid li ma ngabitx l-ahjar prova li kien qed jabbuza mid-droga. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-Ufficjal tal-Probation qalet il-verita meta xehdet li d-denunzjat irrifjuta jaghtiha kampjun tal-urina – u r-raguni ta' dan ir-rifjut tista' tkun wahda biss, li d-denunzjat kien jaf li t-test tal-urina kien ser jirrizulta pozittiv ghal uzu ta' sustanzi illeciti. L-Ufficjal tal-Probation qalet ukoll li d-denunzjat qatt ma ta xi preskrizzjoni ta' tabib li kien qed jiehu xi medicini li minhabba fiha t-test tal-urina seta' jirrizulta pozittiv ghal sustanzi illeciti.

9. Rigward l-incident tas-27 ta' Marzu 2023, meta d-denunzjat irrifjuta li jigi friskjat mill-ufficjali tas-sigurta tad-dipartiment tal-probation, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li d-

denunzjat ikkrea dan l-incident bhala pretest sabiex jisfratta l-appuntament li kellu mal-Ufficjal tal-Probation, u dan ghamlu ghal ragunijiet li jafhom hu biss.

10. Fid-dawl tas-suespost, jirrizulta li d-denunzjat naqas li jikkonforma ruhu b'mod serju u repetut mal-Ordni ta' Supervizjoni, u li m'ghandu l-ebda motivazzjoni serja li jindirizza l-problemi tieghu.

11. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mill-provi jirrizulta bic-car li jekk din il-Qorti tordna li jitkompla l-Ordni ta' Supervizjoni, ikun biss hela ta' rizorsi kemm tal-Ufficjal tal-Probation, tal-Pulizija u anke ta' din il-Qorti, ghax d-denunzjat m'ghandu l-ebda motivazzjoni li jsegwi l-Ordni ta' Supervizjoni, u jerga' jispicca b'denunzja ohra.

12. Id-denunzjat ma gharafx juzufruwixxi ruhu mill-opportunita li tatu din il-Qorti li jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u din il-Qorti thares b'lenti severa ghal min jaf li qieghed fit-triq il-hazina u jibqa' jippersisti li jissokta f'dik it-triq.

**Konkluzjoni**

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikolu 28G(9) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lid-denunzjat hati li naqas li jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizjoni imposti fuqu minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2023, u qieghda tirrevoka l-istess Ordni *contrario imperio* b'effett immedjat.

2. Tordna ulterjorment, li l-piena karcerarja ta' sena sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin moghtija permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Jannar 2023 tigi reza operattiva.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**